# IL-WIRT STORIKU TAR-RAĦAL TAN-NAXXAR

***kitba ta' Mario Fenech***



Kultant meta nkun qiegħed naqra xi rivista, ktieb jew xi artiklu nteressanti dwar xi post storiku, jgħaddili ħsieb min-moħħi kemm hawn lokalitajiet li l-wirt storku fihom huwa ferm aktar rikk minn dak ta' lokalitajiet oħrajn.

Dan ikun frott ta' ħidma twila u kontinwa minn nies li jkunu għexu fl-inħawi, u wkoll għaliex il-lokal ikun wieħed li ilu jeżisti għal bosta snin.

Niftakar meta madwar tlett snin ilu kont qiegħed nipprepara "feature" dwar il-lokalità tan-Naxxar għal Programm televiżiv "Forċina" li kont nipproduċi u nippreżenta ma Duncan Borg Myatt, kont żort għadd ta' kappelli li jinsabu fil-limit tal-Parroċċa tan-Naxxar. Mill-ewwel indunajt kemm dawn il-kappelli huma kkurati minn dawk li jieħdu ħsiebhom, u kemm uħud minnhom għad għandhom importanza.

Kont żort fost l-oħrajn il-Kappella ta' Santa Luċija mibnija mill-ġdid fis-Seklu Sdatax, hawnhekk rajt kemm din għandha storja mportanti u tinsab fi stat tajjeb, il-Kappella ta' San Pawl tat-Tarġa li hija popolari ħafna man-nies ta' l-inħawi, l-Kappella tal-Kunċizzjoni fil-qalba tar-raħal u l-Kappella ta' Santa Marija tax-Xagħra li wkoll qegħda tintuża regolarment u miżmuma fi stat tajjeb.

Uħud minn dawn il-Kappelli meta nbnew kienu maqtugħin għalihom fil-kampanja u forsi ftit li xejn kienu jintużaw. Dawn issa grazzi għal progress li sar matul is-snin, issa jinsabu f'nofs binjiet kbar w allura qegħdin jintużaw għal quddies u t-tagħlim tad-duttrina. Għaldaqstant la dawn qegħdin jintużaw regolarment qegħdin jingħataw l-manutenzjoni meħtieġa. Kappelli oħrajn għalkemm mhux daqshekk użatu matul is-sena, xorta waħda hemm min jara li dawn ikunu fi stattajjeb u minn żmien għall-ieħor iżid xi opra fihom.

Fin-Naxxar in-numru ta' dawn il-kappelli huwa wieħed sostanzjali għalhekk xi eċċezzjoni issibi, jew aħjar kont issib. Qiegħed ngħid dan għaliex mhux l-ewwel darba li ktibt fil-ġurnali, jew tkellimt waqt il-Programm tiegħi tar-Radju dwar il-Kappella ta' Santa Katerina f'Wied il-Għasel li kienet fi stat tant ħażin li kien hemm il-biża li din tiġġarraf. Iżda bir-rieda t-tajba tal-poplu tan-Naxxar u l-Awtoritajiet konċernati din issa ġet restawrata biex issa nistgħu ngħidu li fin-Naxxar ma hemm l-ebda kappella mitluqa jew mhix kkurata kif xieraq.

Dan juri kemm il-poplu Naxxari huwa marbut ma' dak kollu li jagħmel lir-raħal wieħed sinjur bl-istorja li għandu. Hemm bżonn li dak li qegħdin jagħmlu n-Naxxarin tal-lum jitkompla min-Naxxarin ta' għada. Għandhom isiru żjajjar f'dawn il-Kappelli mit-tfal ta' l-iskola primarja tal-lokal u wara t-tfal jiġu mitluba biexjagħmlu "projects" dwar dak li jkunu raw u semgħu waqt dawn iż-żjajjar.

Jistgħu wkoll isiru attivitajiet oħrajn f'dawn il-kappelli, min jaf, xi quddiesa fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar għat-tfal, jew xi esibizzjoni mtella mit-tfal stess. Fejn ikun hemm bżonn ta' xi manutenzjoni f'xi waħda minn dawn il-Kappelli għandhom isiru attivitajiet biex kulħadd jipparteċipa b'risq il-ġbir ta' fondi għal dan ix-xogħol.

Jekk wieħed jaċċetta kemm huma mportanti dawn l-irkejjen storiċi fil-lokal tiegħu l-futur ta' dawn il-kappelli għandu jkun wieħed tajjeb u ftit ikunu l-problemi biex dawn nibqgħu ngawduhom kemm aħna kif ukoll dawk ta' warajna.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Tas-Sliema
Lulju 2005